**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Dokument ta' sessjoni*

**A9-0083/2021**

29.3.2021

# ***I
# RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) 2019/816 u (UE) 2019/818 fir-rigward tal-istabbiliment tal-kundizzjonijiet għall-aċċess ta' sistemi ta' informazzjoni tal-UE oħrajn għall-finijiet tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar
(COM(2019)0003 – C8-0025/2019 – 2019/0001B(COD))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Jeroen Lenaers



*Magħquda fid-diversità*

## *Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| *** | Proċedura ta' approvazzjoni |
| ***I | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari) |
| ***II | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari) |
| ***III | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari) |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

## *Emendi għal abbozz ta' att*

**Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni**

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

**Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat**

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit.
Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

**WERREJ**

**Paġna**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW...........5

PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI ...............................................................32

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI........33

# ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) 2019/816 u (UE) 2019/818 fir-rigward tal-istabbiliment tal-kundizzjonijiet għall-aċċess ta' sistemi ta' informazzjoni tal-UE oħrajn għall-finijiet tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (COM(2019)0003 – C8-0025/2019 – 2019/0001B(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2019)0003),

– wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Konferenza tal-Presidenti tal-11 ta' Frar 2021 li tawtorizza lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern li jaqsam il-proposta tal-Kummissjoni msemmija hawn fuq u li jħejji żewġ rapporti leġiżlattivi separati fuq il-bażi tagħha,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 82(1)(d) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0025/2019),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A9-0083/2021),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

**PE-CONS No/YY - 2019/0001B(COD)**

**REGOLAMENT (UE) 2021/...**
**TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**ta' ...**

**▌li jemenda *r-Regolamenti (UE) 2019/816 u (UE) 2019/818 fir-rigward tal-istabbiliment tal-kundizzjonijiet għall-aċċess ta' sistemi oħra ta' informazzjoni tal-UE għall-finijiet tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar***

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari ***l-punt (d) tal-Artikolu*** 82(1) ▌ tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

▌

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja[1],

---

[1] Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta' ... (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' ... .

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2] stabbilixxa s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) għal ċittadini ta' pajjiżi terzi eżentati mill-obbligu li jkunu fil-pussess ta' viża meta jaqsmu l-fruntieri esterni. Huwa stabbilixxa l-kundizzjonijiet u l-proċeduri biex tinħareġ jew tiġi miċħuda awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar ***fl-ambitu ta' dik is-sistema***.

(2) L-ETIAS tippermetti kunsiderazzjoni dwar jekk il-preżenza ta' dawk iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi fit-territorju tal-Istati Membri toħloqx riskju ta' sigurtà, ta' immigrazzjoni illegali jew riskju epidemiku kbir.

---

[2] Ir-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Settembru 2018 li jistabbilixxi Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1077/2011, (UE) Nru 515/2014, (UE) 2016/399, (UE) 2016/1624 u (UE) 2017/2226 (ĠU L 236, 19.9.2018, p. 1).

(3) Sabiex tippermetti ***l-ipproċessar tal-fajls ta' applikazzjoni mis-Sistema Ċentrali tal-ETIAS imsemmija fir-Regolament*** (UE) 2018/1240, jeħtieġ li tiġi stabbilita l-interoperabbiltà ***bejn is-Sistema ta' Informazzjoni ETIAS, sistemi oħra ta' informazzjoni tal-UE u d-data tal-Europol msemmija f'dak*** ir-Regolament. ▌

(4) Dan ir-Regolament jistabbilixxi kif din l-interoperabbiltà u l-kundizzjonijiet għall-konsultazzjoni tad-data maħżuna f'sistemi oħra ta' informazzjoni tal-UE u tad-data tal-Europol mill-proċess awtomatizzat tal-ETIAS għall-finijiet li jiġu identifikati l-hits iridu jiġu implimentati. Riżultat ta' dan, jeħtieġ li jiġu emendati r-Regolamenti ***(UE) 2019/816[3] u (UE) 2019/818[4]*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ▌ sabiex is-Sistema Ċentrali tal-ETIAS tiġi konnessa ma' sistemi oħra ta' informazzjoni tal-UE u mad-data tal-Europol u biex tiġi speċifikata d-data li se tintbagħat lejn u minn dawk is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE u d-data tal-Europol.

---

3 ***Ir-Regolament (UE) 2019/816 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 li jistabbilixxi sistema ċentralizzata għall-identifikazzjoni ta' Stati Membri fil-pussess ta' informazzjoni dwar kundanni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi (ECRIS-TCN) biex tissupplimenta s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1726 (ĠU L 135, 22.5.2019, p. 1).***

4 ***Ir-Regolament (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u ġudizzjarja, l-ażil u l-migrazzjoni u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/1726, (UE) 2018/1862 u (UE) 2019/816 (ĠU L 135, 22.5.2019, p. 85).***

(5) Skont ***ir-Regolament*** (UE) 2018/1240, meta r-riformulazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 603/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5] tiġi adottata, l-emendi konsegwenzjali meħtieġa jiġu adottati.

▌

***(6) Il-Portal Ewropew tat-Tfittxija (ESP), stabbilit bir-Regolament (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, jippermetti li d-data maħżuna fl-ETIAS titqabbel mad-data maħżuna fis-sistemi l-oħra ta' informazzjoni tal-UE kkonċernati permezz ta' talba għal informazzjoni.***

(7) Jenħtieġ li jiġu definiti modalitajiet tekniċi biex l-ETIAS tkun tista' tivverifika regolarment u awtomatikament f'sistemi oħra jekk il-kundizzjonijiet għaż-żamma tal-fajls ta' applikazzjoni, kif stabbiliti fir-Regolament (UE) 2018/1240, għadhomx issodisfati.

▌

5 Ir-Regolament (UE) Nru 603/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-istabbiliment tal-"Eurodac" għat-tqabbil ta' marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida u dwar talbiet għat-tqabbil ma' data tal-Eurodac mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u mill-Europol għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1077/2011 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (ĠU L 180, 29.6.2013, p. 1).

*(8)* Skont ir-Regolament (UE) ***2019/816*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ▌ u f'konformità mal-intenzjoni espressa fir-Regolament (UE) 2018/1240, jenħtieġ li l-ETIAS tkun tista' tivverifika jekk jeżistux korrispondenzi bejn id-data fil-fajls ta' applikazzjoni tal-ETIAS u d-data tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali – Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi (ECRIS-TCN) fir-Repożitorju Komuni ta' Informazzjoni dwar l-Identità ("CIR"), fir-rigward ta' liema Stati Membri għandhom fil-pussess tagħhom informazzjoni dwar kundanni dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi għal reat terroristiku ***matul il-25 sena preċedenti*** jew ***kwalunkwe*** reat kriminali serju ieħor ***matul il-15-il sena preċedenti, kif previst fl-Anness tar-Regolament (UE) 2018/1240 fejn dawk ir-reati kriminali huma punibbli skont id-dritt nazzjonali b'piena li ċċaħħad il-libertà jew b'ordni ta' detenzjoni għal perjodu massimu ta' mill-inqas tliet snin***.

*(9)* ***L-Istati Membri diġà jiġbru u jipproċessaw data ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi għall-finijiet tar-Regolament ECRIS-TCN. Dan ir-Regolament ma jimponi ebda obbligu fuq l-Istati Membri biex jimmodifikaw jew jestendu d-data ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi li diġà qed tinġabar skont ir-Regolament ECRIS-TCN. Għall-fini ta' talbiet għal informazzjoni permezz tal-ETIAS, jenħtieġ li jiżdiedu biss il-bandiera u l-kodiċi tal-Istat Membru tal-kundanna.***

*(10)* Il-kundizzjonijiet***, inklużi d-drittijiet tal-aċċess,*** skont liema l-Unità Ċentrali tal-ETIAS u l-Unitajiet Nazzjonali tal-ETIAS jistgħu jikkonsultaw data maħżuna f'sistemi oħra ta' informazzjoni tal-UE għall-finijiet tal-ETIAS jenħtieġ li jiġu salvagwardjati permezz ta' regoli ċari u preċiżi rigward l-aċċess mill-Unità Ċentrali tal-ETIAS u l-Unitajiet Nazzjonali tal-ETIAS għad-data maħżuna f'sistemi oħra ta' informazzjoni tal-UE, it-tip ta' talbiet għal informazzjoni u kategoriji ta' data, li kollha kemm huma jenħtieġ li jkunu limitati għal dak li huwa strettament meħtieġ għat-twettiq ta' dmirijiethom. Bl-istess mod, id-data maħżuna fil-fajl ta' applikazzjoni tal-ETIAS jenħtieġ li tkun viżibbli biss għal dawk l-Istati Membri li jużaw is-sistemi ta' informazzjoni sottostanti skont il-modalitajiet tal-parteċipazzjoni tagħhom.

(11) ***Sabiex jiġi appoġġat l-objettiv tal-ETIAS li tivvaluta jekk l-applikant għal awtorizzazzjoni għall-ivvjaġġar joħloqx theddida għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà pubblika, l-ETIAS jenħtieġ li tkun tista' tivverifika jekk jeżistux korrispondenzi bejn id-data fil-fajls ta' applikazzjoni tal-ETIAS u d-data tal-ECRIS-TCN fis-CIR, fir-rigward ta' liema Stati Membri għandhom fil-pussess tagħhom informazzjoni dwar ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni apolidi għal reat terroristiku jew kwalunkwe reat kriminali ieħor elenkat fl-anness tar-Regolament (UE) 2018/1240 jekk ikunu punibbli skont id-dritt nazzjonali b'piena li ċċaħħad il-libertà jew b'ordni ta' detenzjoni għal perjodu massimu ta' mill-inqas tliet snin.***

(12) ***Hit li tiġi indikata mis-sistema ECRIS-TCN jenħtieġ li ma tkunx awtomatikament tfisser li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat ġie kkundannat fl-Istati Membri li jiġu indikati. Jenħtieġ li l-eżistenza ta' kundanni preċedenti tkun ikkonfermata biss abbażi ta' informazzjoni riċevuta mir-rekords kriminali tal-Istati Membri kkonċernati.***

*(13)* Skont ***ir-Regolament*** (UE) 2018/1240, l-aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-tmexxija operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (eu-LISA), stabbilita bir-Regolament (UE) 2018/1726 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6], jenħtieġ li tkun responsabbli għall-fażi ta' tfassil u żvilupp tas-Sistema ta' Informazzjoni ETIAS.

*(14)* Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2004/38/KE ***tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[7]*.*

*(15)* ***Skont*** l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 ***dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea***, ***id-Danimarka*** mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.

▌

6 Ir-Regolament (UE) 2018/1726 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA), u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011 (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 99).

7 ***Id-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE*** ***(***ĠU L 158, 30.4.2004, p. 77***)***.

(16) L-Irlanda tista' tinnotifika lill-President tal-Kunsill ix-xewqa tagħha li tieħu sehem fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, skont l-Artikolu 3 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-TUE u mat-TFUE.

***(17) Skont l-Artikoli 1 u 2 u l-Artikolu 4a(1) tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, l-Irlanda mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.***

*(18)* Ir-Regolamenti ***(UE) 2019/816 u (UE) 2019/818*** għalhekk jenħtieġ li jiġu emendati ***kif xieraq***.

***(19)*** ***Peress li l-objettivi ta' dan ir-Regolament ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda pjuttost, minħabba l-iskala u l-effetti tiegħu, jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex dawk l-objettivi jintlaħqu.***

*(20)* Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat, skont l-Artikolu 41(2) tar-Regolament (UE) Nru 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[8],

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

8 Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

Artikolu ***1***

Emendi għar-Regolament (UE) ***2019/816***

Ir-Regolament ***(UE) 2019/816*** huwa emendat kif ġej ▌:

(1) fl-Artikolu 1, jiżdied il-punt li ġej:

"***(e)*** il-kundizzjonijiet li bihom id-data inkluża fis-sistema ECRIS-TCN tista' tintuża ***mill-Unità Ċentrali tal-ETIAS*** għall-fini ***tal-appoġġ tal-objettiv tal-ETIAS li tikkontribwixxi għal livell għoli ta' sigurtà billi tiġi prevista valutazzjoni bir-reqqa tar-riskju għas-sigurtà tal-applikanti, qabel ma jaslu fil-punti ta' qsim tal-fruntiera esterna, sabiex jiġi ddeterminat jekk ikunx hemm indikazzjonijiet fattwali jew raġunijiet validi bbażati fuq indikazzjonijiet fattwali biex jiġi konkluż li l-preżenza tal-persuna fit-territorju tal-Istati Membri toħloq riskju għas-sigurtà***.";

▌

(2) L-Artikolu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 2

Kamp ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament japplika għall-ipproċessar tal-informazzjoni dwar l-identità għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li ġew soġġetti għal kundanni fl-Istati Membri għall-fini tal-identifikazzjoni ***tal-Istati Membri*** fejn ingħataw tali kundanni ▌. Bl-eċċezzjoni tal-punt ***(b)***(ii) tal-Artikolu 5(1) ▌, id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament li japplikaw għal ċittadini ta' pajjiżi terzi japplikaw ukoll għal ċittadini tal-Unjoni li huma wkoll fil-pussess ta' ċittadinanza ta' pajjiż terz u li ġew soġġetti għal kundanni fl-Istati Membri.

***Dan ir-Regolament:***

***(a)*** ***jappoġġa l-objettiv tal-VIS li tivvaluta jekk l-applikant għal viża, viża għal soġġorn twil jew permess ta' residenza jkunx theddida għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà pubblika, skont ir-Regolament (KE) Nru 767/2008;***

***(b)*** ***jappoġġa l-objettiv tal-ETIAS li tikkontribwixxi għal livell għoli ta' sigurtà;***

***(c)*** ***jiffaċilita u jassisti fl-identifikazzjoni korretta ta' persuni skont dan ir-Regolament u r-Regolament (UE) 2019/818.***";

(3) ***fl-Artikolu*** 3***, il-punt 6*** ▌ huwa sostitwit b'dan li ġej:

"***(6)*** "awtoritajiet kompetenti" tfisser l-awtoritajiet ċentrali, ▌ il-Eurojust, il-Europol ***u l-UPPE, l-awtoritajiet maħtura tal-VIS kif imsemmija fl-Artikolu 9ca u fl-Artikolu 22b(11) tar-Regolament (KE) Nru 767/2008***, ***u*** l-Unità Ċentrali tal-ETIAS stabbilita ***skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2018,1240,*** li għandhom il-kompetenza li jaċċessaw jew jitolbu informazzjoni ***fl-ECRIS-TCN*** skont dan ir-Regolament;";

▌

(4) L-Artikolu 5 huwa emendat kif ġej:

(a) ***fil-paragrafu 1, l-ewwel inċiż tal-punt (a)(iii) huwa sostitwit kif ġej:***

***"– in-numru tal-identità, jew it-tip u n-numru tad-dokumenti ta' identifikazzjoni tal-persuna, inklużi d-dokumenti tal-ivvjaġġar, kif ukoll l-isem tal-awtorità emittenti,";***

***(b)*** fil-paragrafu 1, jiżdied il-punt li ġej:

"(c) ▌marka li tindika***, għall-fini tar-Regolament (KE) Nru 767/2008 u tar-Regolament (UE) 2018/1240,*** li ***ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat ikun ġie kkundannat fil-25 sena preċedenti*** għal reat terroristiku jew ***fil-15-il sena preċedenti għal kwalunkwe*** reat kriminali ▌ieħor ***kif elenkat fl-Anness tar-Regolament (UE) 2018/1240 meta dawk ir-reati kriminali jkunu punibbli skont id-dritt nazzjonali b'piena li ċċaħħad il-libertà jew b'ordni ta' detenzjoni għal perjodu massimu ta' mill-inqas tliet snin***, u f'dawk il-każijiet il-kodiċi tal-Istat(i) Membru/Membri tal-kundanna.";

***(c) jiżdied il-paragrafu li ġej:***

***"7. Il-marki u l-kodiċi tal-Istat Membru jew l-Istati Membri tal-kundanna kif imsemmija fil-punt (c) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu aċċessibbli u għandha tkun tista' ssir tfittxija tagħhom biss:***

***(a) bis-Sistema Ċentrali tal-VIS għall-fini tal-verifiki skont l-Artikolu 7a ta' dan ir-Regolament flimkien mal-punt (e) tal-Artikolu 9a(4) jew il-punt (e) tal-Artikolu 22b(3) tar-Regolament (KE)Nru 767/2008;***

***(b) bis-Sistema Ċentrali tal-ETIAS għall-fini tal-verifiki skont l-Artikolu 7b ta' dan ir-Regolament flimkien mal-punt (n) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 20(2) tar-Regolament (UE) 2018/1240 fejn il-hits jiġu identifikati wara l-ipproċessar awtomatizzat imsemmi fl-Artikolu 11(1) ta' dak ir-Regolament.***

***Mingħajr preġudizzju għall-ewwel subparagrafu, il-marki u l-kodiċi tal-Istat Membru jew l-Istati Membri tal-kundanna kif imsemmija fil-punt (c) tal-paragrafu 1 m'għandhom ikunu viżibbli għal ebda awtorità oħra għajr l-awtorità ċentrali tal-Istat Membru tal-kundanna li tkun ħolqot ir-rekord immarkat.";***

(5) fl-Artikolu 7, il-paragrafu *7* huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*7.* F'każ ta' hit, ***is-sistema ċentrali*** jew ***is-CIR*** għandhom jipprovdu awtomatikament lill-awtorità kompetenti bl-informazzjoni dwar ***l-Istati Membri*** li ***huma*** fil-pussess ta' informazzjoni dwar ir-rekord kriminali dwar iċ-ċittadin ta' pajjiż terz, flimkien ***man-numri*** ta' referenza ***assoċjati msemmija*** fl-Artikolu 5(1) u kwalunkwe informazzjoni korrispondenti dwar l-identità. Tali informazzjoni dwar l-identità għandha tintuża biss għall-fini ***li tiġi vverifikata l-identità*** taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat. Ir-riżultat ta' tfittxija ***fis-sistema ċentrali*** jista' jintuża biss għall-fini li***:***

***(a)*** ***issir*** talba skont l-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni Qafas 2009/315/ĠAI***;***

***(b)*** ***issir*** talba msemmija fl-Artikolu ***17(3)*** ta' dan ir-Regolament***;***

***(c)*** ***jiġi vvalutat jekk l-applikant għal viża, viża għal soġġorn twil jew permess ta' residenza jkunx theddida għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà pubblika, skont ir-Regolament (KE) Nru 767/2008; jew***

***(d)*** ***jiġi appoġġat l-objettiv tal-ETIAS li tikkontribwixxi għal livell għoli ta' sigurtà***.";

(6) fil-Kapitolu II, jiżdied l-Artikolu li ġej:

"Artikolu *7b*

Użu tas-sistema ECRIS-TCN għall-verifiki tal-ETIAS

1. L-Unità Ċentrali tal-ETIAS, stabbilita ▌ skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2018/1240 għandu jkollha, għall-fini tal-prestazzjoni tal-kompiti ▌ mogħtija lilha mir-Regolament (UE) 2018/1240, id-dritt ta' aċċess u ta' tfittix ta' data ECRIS-TCN ***fis-CIR***. Madankollu, hija għandu jkollha aċċess biss ***skont l-Artikolu 11(8) ta' dak ir-Regolament*** għar-rekords tad-data li magħhom żdiedet marka skont ***il-punt (c) tal-Artikolu*** 5(1) ▌ ta' dan ir-Regolament.

***Id-data msemmija fl-ewwel subparagrafu tista' tintuża biss għall-fini tal-verifika:***

***(a) mill-Unità Ċentrali tal-ETIAS skont l-Artikolu 22 tar-Regolament (EU) 2018/1240; jew***

(b) ***mill-Unitajiet Nazzjonali tal-ETIAS skont l-Artikolu 25a(2) tar-Regolament (UE) 2018/1240 għall-fini tal-konsultazzjoni tar-rekords kriminali nazzjonali; ir-rekords kriminali nazzjonali għandhom jiġu kkonsultati qabel il-valutazzjoni u d-deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2018/1240 u, fejn applikabbli, qabel il-valutazzjoni u l-opinjoni msemmija fl-Artikolu 28 ta' dak ir-Regolament.***

2. ***Is-CIR*** għandu jiġi konness ***mal-ESP*** biex ikun jista' jsir l-ipproċessar awtomatizzat imsemmi ***fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2018/1240***.

3. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 24 tar-Regolament (UE) 2018/1240, l-ipproċessar awtomatizzat imsemmi fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2018/1240 għandu jippermetti l-verifiki previsti fl-Artikolu 20 u l-verifiki sussegwenti tal-Artikoli 22 u 26 ta' dak ir-Regolament.

Għall-fini tal-proċediment għall-verifiki ***tal-punt (n)*** tal-Artikolu 20(2) ▌ tar-Regolament (UE) 2018/1240, is-Sistema Ċentrali tal-ETIAS għandha tuża ***l-ESP*** biex tqabbel id-data fl-ETIAS mad-data mmarkata fl-ECRIS-TCN ***fis-CIR***, skont ***il-punt (c) tal-Artikolu*** 5(1) ▌ ta' dan ir-Regolament u skont l-Artikolu 11(8) tar-Regolament 2018/1240, u bl-użu tal-korrispondenzi elenkati fit-tabella fl-Anness II.";

(7) fl-Artikolu 8, ***jiżdied il-paragrafu*** li ġej:

***"3. Il-marki msemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 5(1) għandhom jitħassru awtomatikament mal-iskadenza tal-perjodu ta' żamma msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jew mhux aktar tard minn 25 sena wara l-ħolqien tal-marka, f'dak li jirrigwarda l-kundanni relatati ma' reati terroristiċi, u 15-il sena wara l-ħolqien tal-marka, f'dak li jirrigwarda kundanni relatati ma' reati kriminali serji oħra.***";

(8) fl-Artikolu ***24***, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Id-data ***mdaħħla*** fis-Sistema Ċentrali u ***fis-CIR*** għandha tkun ipproċessata biss ***għall-finijiet ta':***

***(a)*** ***l-identifikazzjoni tal-Istati Membri*** li ***jkollhom*** fil-pussess tagħhom l-informazzjoni dwar ir-rekords kriminali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi***;***

***(b) l-appoġġ tal-objettiv tal-VIS li tivvaluta jekk l-applikant għal viża, viża għal soġġorn twil jew permess ta' residenza jkunx theddida għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà pubblika, skont ir-Regolament (KE) Nru 767/2008;***

***(c) l-appoġġ tal-objettiv tal-ETIAS li tikkontribwixxi għal livell għoli ta' sigurtà.***

***Id-data mdaħħla fis-CIR għandha tiġi pproċessata wkoll skont ir-Regolament (UE) 2019/818 għall-faċilitazzjoni u l-assistenza*** fl-identifikazzjoni korretta ta' persuni rreġistrati fis-sistema ECRIS-TCN ***skont dan ir-Regolament***.";

(9) fl-Artikolu ***32(3)***, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Kull xahar, l-eu-LISA għandha tippreżenta lill-Kummissjoni statistika ▌ relatata mar-reġistrar, il-ħażna u l-iskambju ta' informazzjoni estratta minn rekords kriminali permezz tas-sistema ECRIS-TCN u l-implimentazzjoni ta' referenza ECRIS, inklużi r-rekords tad-data li jinkludu marka skont ***il-punt (c) tal-Artikolu*** 5(1) ▌. ***L-eu-LISA għandha tiżgura li ma jkunx possibbli li l-individwi jiġu identifikati abbażi ta' dik l-istatistika. Fuq talba tal-Kummissjoni, l-eu-LISA għandha tipprovdilha l-istatistika dwar aspetti speċifiċi relatati mal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.***";

(10) jiddaħħal l-artikolu li ġej:

"Artikolu ***31b***

Żamma ta' reġistri għall-fini ***tal-interoperabbiltà mal-ETIAS***

Għall-konsultazzjonijiet elenkati fl-Artikolu ***7b*** ta' dan ir-Regolament, għandha tiġi rreġistrata kull operazzjoni ta' pproċessar ta' data tal-ECRIS-TCN imwettqa fi ħdan ***is-CIR*** u l-ETIAS skont l-Artikolu 69 tar-Regolament (UE) Nru 2018/1240.";

(11) jiżdied l-Anness li ġej:

"Anness II

Tabella ta' korrispondenzi msemmija fl-Artikolu ***7b***

| Data tal-Artikolu 17(2) tar-Regolament 2018/1240 mibgħuta mis-Sistema Ċentrali tal-ETIAS | Id-data ***korrispondenti tal-ECRIS-TCN*** tal-Artikolu 5(1) ta' dan ir-Regolament ***fis-CIR*** li d-data ***fl-ETIAS*** għandha tiġi vverifikata magħha |
|---|---|
| il-kunjom (isem il-familja) | il-kunjom (isem il-familja) |
| il-kunjom mat-twelid | l-isem/ismijiet preċedenti |
| l-isem/ismijiet (isem/ismijiet mogħti(ja)) | l-isem/ismijiet (isem/ismijiet mogħti(ja)) |
| ismijiet oħra (psewdonimu/i, isem/ismijiet artistiku/ċi, isem/ismijiet tas-soltu) | psewdonimu u/jew laqam/laqmijiet |
| id-data tat-twelid | id-data tat-twelid |
| il-post tat-twelid | il-post tat-twelid (belt u pajjiż) |

| | |
|---|---|
| il-pajjiż tat-twelid | il-post tat-twelid (belt u pajjiż) |
| is-sess | il-ġeneru |
| in-nazzjonalità attwali | in-nazzjonalità jew nazzjonalitajiet |
| nazzjonalitajiet oħra (jekk hemm) | in-nazzjonalità jew nazzjonalitajiet |
| it-tip ta' dokument tal-ivvjaġġar | it-tip ta' dokumenti ***tal-ivvjaġġar*** tal-persuna |
| in-numru tad-dokument tal-ivvjaġġar | in-numru tad-dokumenti ***tal-ivvjaġġar*** tal-persuna |
| il-pajjiż emittenti tad-dokument tal-ivvjaġġar | isem l-awtorità emittenti |

▌".

*Artikolu 2*

***Emendi tar-Regolament (UE) 2019/818***

***Ir-Regolament (UE) 2019/818 huwa emendat kif ġej:***

***(1) fl-Artikolu 18, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:***

***"1b. Għall-fini tal-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2018/1240, is-CIR għandu jaħżen ukoll, isseparata b'mod loġiku mid-data msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, id-data msemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) 2019/816. Id-data msemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) 2019/816 għandha tkun aċċessibbli biss bil-mod imsemmi fl-Artikolu 5(7) ta' dak ir-Regolament.";***

***(2) fl-Artikolu 68, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:***

***"1b. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1, għall-finijiet tal-ipproċessar awtomatizzat tal-Artikolu 20, l-Artikolu 23, il-punt (c)(ii) tal-Artikolu 24(6), l-Artikolu 41 u l-punt (b) tal-Artikolu 54(1) tar-Regolament (UE) 2018/1240, l-ESP għandu jibda jopera, limitat għal dawk il-finijiet, ladarba l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 88 tar-Regolament (UE) 2018/1240 ikunu ġew issodisfati.".***

*Artikolu 3*

*Dħul fis-seħħ*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

▌

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u għandu japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |

# PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) 2019/816 u (UE) 2019/818 fir-rigward tal-istabbiliment tal-kundizzjonijiet għall-aċċess ta' sistemi ta' informazzjoni tal-UE oħrajn għall-finijiet tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar |
| **Referenzi** | COM(2019)0003 – C9-0090/2021 – 2019/0001B(COD) |
| **Data meta ġiet ippreżentata lill-PE** | 7.1.2019 |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | LIBE<br>8.3.2021 |
| **Kumitati mitluba jagħtu opinjoni**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | AFET TRAN<br>8.3.2021 8.3.2021 |
| **Opinjoni(jiet) mhux mogħtija**<br>Data tad-deċiżjoni | AFET TRAN<br>25.3.2021 21.1.2019 |
| **Rapporteurs**<br>Data tal-ħatra | Jeroen Lenaers<br>8.3.2021 |
| **Data tal-adozzjoni** | 7.12.2020 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 55<br>–: 9<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Magdalena Adamowicz, Konstantinos Arvanitis, Malik Azmani, Katarina Barley, Pernando Barrena Arza, Pietro Bartolo, Nicolas Bay, Vladimír Bilčík, Vasile Blaga, Ioan-Rareş Bogdan, Patrick Breyer, Saskia Bricmont, Jorge Buxadé Villalba, Damien Carême, Anna Júlia Donáth, Lena Düpont, Cornelia Ernst, Nicolaus Fest, Jean-Paul Garraud, Maria Grapini, Sylvie Guillaume, Andrzej Halicki, Evin Incir, Sophia in 't Veld, Patryk Jaki, Marina Kaljurand, Assita Kanko, Fabienne Keller, Peter Kofod, Łukasz Kohut, Moritz Körner, Alice Kuhnke, Jeroen Lenaers, Juan Fernando López Aguilar, Nuno Melo, Roberta Metsola, Nadine Morano, Javier Moreno Sánchez, Maite Pagazaurtundúa, Nicola Procaccini, Emil Radev, Paulo Rangel, Ralf Seekatz, Michal Šimečka, Birgit Sippel, Martin Sonneborn, Tineke Strik, Ramona Strugariu, Annalisa Tardino, Tomas Tobé, Milan Uhrík, Tom Vandendriessche, Bettina Vollath, Javier Zarzalejos |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Delara Burkhardt, Leopoldo López Gil, Kostas Papadakis, Anne-Sophie Pelletier, Rob Rooken, Domènec Ruiz Devesa, Hilde Vautmans, Petar Vitanov |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Andor Deli, Lívia Járóka |
| **Data tat-tressiq** | 30.3.2021 |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI

| 55 | + |
|---|---|
| PPE | Magdalena ADAMOWICZ, Vladimír BILČÍK, Vasile BLAGA, Ioan-Rareş BOGDAN, Andor DELI, Lena DÜPONT, Andrzej HALICKI, Lívia JÁRÓKA, Jeroen LENAERS, Leopoldo LÓPEZ GIL, Nuno MELO, Roberta METSOLA, Nadine MORANO, Emil RADEV, Paulo RANGEL, Ralf SEEKATZ, Tomas TOBÉ, Javier ZARZALEJOS |
| S&D | Katarina BARLEY, Pietro BARTOLO, Delara BURKHARDT, Maria GRAPINI, Sylvie GUILLAUME, Evin INCIR, Marina KALJURAND, Łukasz KOHUT, Juan Fernando LÓPEZ AGUILAR, Javier MORENO SÁNCHEZ, Domènec RUIZ DEVESA, Birgit SIPPEL, Petar VITANOV, Bettina VOLLATH |
| RENEW | Malik AZMANI, Anna Júlia DONÁTH, Sophia in 't VELD, Fabienne KELLER, Moritz KÖRNER, Maite PAGAZAURTUNDÚA, Michal ŠIMEČKA, Ramona STRUGARIU, Hilde VAUTMANS |
| ID | Nicolas BAY, Nicolaus FEST, Jean-Paul GARRAUD, Peter KOFOD, Annalisa TARDINO, Tom VANDENDRIESSCHE |
| Verts/ALE | Alice KUHNKE |
| ECR | Jorge BUXADÉ VILLALBA, Patryk JAKI, Assita KANKO, Nicola PROCACCINI, Rob ROOKEN |
| NI | Martin SONNEBORN, Milan UHRÍK |
| **9** | **-** |
| Verts/ALE | Patrick BREYER, Saskia BRICMONT, Damien CARÊME, Tineke STRIK |
| THE LEFT | Konstantinos ARVANITIS, Pernando BARRENA ARZA, Cornelia ERNST, Anne-Sophie PELLETIER |
| NI | Kostas PAPADAKIS |
| **0** | **0** |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni